

Brussell, 17 ta' Ottubru 2018  
(OR. en)

13275/18

SOC 628  
EMPL 482

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	10264/18
Suġġett:	Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol Ftra tas-Sur Francisco Javier PINILLA GARCIA, membru għal Spanja, minflok is-Sur Javier MAESTRO ACOSTA, li rriżenja

---

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Javier MAESTRO ACOSTA bħala membru tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għal Spanja).
2. Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2003/C 218/01, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern ta' Spanja nnomina lill-kandidat li ġej biex jissostitwixxi lill-membri li rriżenja għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2019:

Is-Sur Francisco Javier PINILLA GARCIA  
Direttur  
Instituto Nacional de Seguridad y Salud en el Trabajo  
C/Torrelaguna, 73  
ES-28027 Madrid  
Tel: + 353 (0) 1-6147144  
Telefon ċellulari: + 349 13634 120  
Indirizz elettroniku: *direccion@inssbt.meys.es*

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jirrakkomanda lill-Kunsill biex:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru

tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/C 218/01 tat-22 ta' Lulju 2003<sup>1</sup> li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Fid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Frar 2016<sup>2</sup> il-Kunsill ħatar lill-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fit-28 ta' Frar 2019.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Javier MAESTRO ACOSTA, sar vakanti post ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.
- (3) Il-gvern ta' Spanja nnomina kandidat għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU C 79, 1.3.2016, p. 1.

## Artikolu 1

Is-Sur Francisco Javier PINILLA GARCIA huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sur Javier MAESTRO ACOSTA, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2019.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill  
Il-President